# 14. It-Tigra u l-Ħamiema

Fil-bieb tal-għar moħwi fiz-zokk ta' siġra,
għajnejha żewġ ġamriet ħomor bħad-demm,
dufrejha miftuħin, u snienha jqarmċu
bħar-ronog tal-avorju... it-Tigra... ar'hemm!

Iż-żehra tagħha tidwi qalb is-siġar
turi ta' qalbha l-qilla u l-ħruxija:
fil-bieb tal-għar moħwi fiz-zokk ta' siġra
donnha ġiet tgħammar hawn Ruħ il-Kefrija.

Fit-tarf ta' fergħa tħammar biċ-ċirasa
bħal ħafna ħnienaq żgħar tal-filigrana,
tnaqqar kultant u tbarqam ferreħija
Ħamiema bajda fuq saqajn ħamrana.